IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 63

## 22 ta` Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

**ASSENTI B`APOLOGIJA:**

Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 63.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku qara l-ittri ta` Apologija tas-Sur Trevor Mizzi u tas-Sur Eman Zerafa, fejn nfurmaw lis-Segretarja Ezekuttiv li ma kienux ser jattendu ghal laqgha minhabba ragunijiet ta` mard. L-ittri gew approvati bi qbil unanimu.

### 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 60(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

### 63.3 Korrispondenza

63.3.1 Giet moqrija korrispondenza dwar Car Sharing Services Malta Ltd, fejn is-Sindku spjega li waqt laqgha li kellu ma` rapprezentanti ta` din il-kumpanija, kien issugerriexa li dan il-parkegg issir fi Triq il-Mandragg jew fi Triq it-Torri ta` San Gwann. Is-Sindku zied jghid li fil-prezent hemm tlett siti differenti, wahda x-Xatt, ohra Fuq tal-Hawli u fi Triq il-Mina l-Kbira.

63.3.2 Prezentati dokumenti ta` progett bl-isem DEPRAME taht il-programm Interreg, fejn il-Kunsill qed jibghat l-informazzjoni kollha mitluba ghal dan il-progett.

63.3.3 Giet prezentata korrispondenza li ntbaghtet mill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-progett Heritage Trial, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera interess li jkun partecipi f`dan il-progett billi kiteb lill-Profs Frendo.

63.3.4 Is-Sindku ghamel referenza ghall-ittra li ntbghatet minn naha tal-ghaqda TEN08 dwar l-attivita li ser tigi organizzata fi zmien il-Milied. Is-Sindku talab sabiex l-isem tal-Kunsill jkun jidher car u jkun f`post prominenti f`kull reklamar li jsir. Sabiex jkun mgharraf minn qabel jekk ikun ser ssir xi intervista jew xi kitba fuq xi gazetta jew magazine. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti. Is-Sur Gellel ssugerriexa sabiex il-Kunsill jitlob programm tal-attivitajiet.

63.3.5 Giet prezentata l-applikazzjoni tal-Premju Zghazugh tas-Sena 2018, fejn is-Sur Anton Gellel propona lill-Mikael Zarb u lill-Merton Pace. Is-Sindku spjega li l-persuna proponuta trid tkun ghamlet xi tip ta` volontarjat jew missjoni sabiex ikollha cans akbar li tiehu l-premju. Is-Sur Boxall issugerriexa li l-Kunsill ghandu jerga` jipproponi lill- Sarah Magro u dan ghal fatt li ghal darb`ohra regghet marret ghall-missjoni u  qed taghmel hafna gid fil-professjoni li qed tippratika dik ta` nfermiera.

63.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li dokumenti relatati mal-progett Ladder intbghat kollox u li l-Kunsill qed jistenna li jidhol l-ahhar ammont ta` flus dak ta` madwar sittax –il elf ewro.

63.3.7 Giet moqrija ittra li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Jonathan Bajada, fejn talab sabiex jinghatlu permess biex titella dghajsa fiz-zona ta` Salle Porte sakemm jsirulha xi manutenzjonijiet. Il-Kunsill qabel li jitlob forma ta` donazzjoni ta` mitt ewro fix-xahar sakemm jitlestew ix-xoghlijiet u tinehha minn fuq l-art.

63.3.8 Giet moqrija korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-AKL dwar laqgha tas-Sindki u Membri tal-Kunsill u s-Segretarji Ezekuttivi, liema laqgha ser ssir fil-31 ta` Ottubru 2018.

63.3.9 Prezentata l-prezentazzjoni tal-laqgha plenarja li ntbghatet mill-AKL, liema laqgha ser ssir nhar il-Gimgha 26 ta` Ottubru 2018. Ghal din il-laqgha ser jattendi l-Kunsillier s-Sur Anton Gellel.

63.3.10 Prezentata notifika dwar il-gbir tal-iskart li l-Kunsill ser jqassam lir-residenti kollha tal-lokal u dan sabiex jkun ta` linja gwida ta` meta ghandhom johorgu l-skart. Din in-notifika ser ssir kemm bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliz.

63.3.11 Prezentata notifika li l-Kunsill ircieva minghand il-Qorti tal-Appell dwar il-kaz tal-garaxx Fuq tal-Hawli mas-Socjeta Muzika Banda San Lawrenz. Il-kaz ser jistema` fit-12 ta` Novembru 2018.

63.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-ahhar konferenza tal-progett SOLIDA ser ssir bejn it-3 u l-5 ta` Dicembru 2018 gewwa Gioiosa Ionica. Is-Sur Boxall talab sabiex is-Sur Anton Gellel, is-Sur Mark Causon flimkien mieghu jattendu ghal din il-konferenza. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

63.3.13 Prezentata l-kwotazzjoni ta` thaffir ta` toqob ghall-bollards li ser jitwahhlu fi Triq Desain u Triq il-Kardinal. Il-kwotazzjoni tammonta €2,832.00, liema kwotazzjoni giet approvata.

63.3.14 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-arbli ta` dawl godda li ser jsiru il-bandli. L-irhas offerta kienet ta` €945 ghal kull arblu. Is-Sindku spjega li hemm bzonn li jigu nstallati 8 arbli. Il-kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti.

**63.4 Informazzjoni dwar l-attivita tal-Birgufest 2018**

Is-Sur John Boxall spjega lil dawk prezenti li ghalkemm l-attivita ma` saritx, il-Kunsill xorta hareg certu spejjez. Is-Sindku zied jghid li huwa diga kellem lid-Direttur Generali, s-Sur Natalino Attard u talbu sabiex nibgahtu l-invoices u dokumenti kollha relatati sabiex il-Kunsill ikun jista` jircievi l-hdax –il ef lura relatati mall-iskema.

**63.5 Attivitajiet ghal Matul il-Granet tal-Milied**

63.5.1 Is-Sur John Boxall iforma lil dawk prezenti li ghal matul dawn il-granet ser jigu organizzati wkoll harga ghall-anzjani u festin zghir ghall-ghaqdiet kollha tal-lokal.

**63.6 Il-Party tal-Milied ghat-Tfal**

63.6.1 Is-Sindku talab sabiex jibdew jingabru l-kwotazzjonijiet tal-animators u tal-catering kif ukoll sabiex niehdu hsieb nibdew nixtru rigali ta` tfal.

**63.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.7.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li sejha ghall-offerti ghas-servizz ta` knis harget fuq l-EPPS u taghlaq fid-19 ta` Novembru 2018.

63.7.2 Is-Sindku talab sabiex il-Hamis 25 ta` Ottubru 2018 issiru l-intervisti ta` dawk il-kanditati li applikaw ghal post vacant ta` skrivan/a fuq bazi full time.

**63.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

63.8.1 Is-Sur Lawrence Attard qal li fi Triq Kan. Luigi Fenech hemm parti minnha li qed tizloq hafna.

63.8.2 Is-Sur Anton Gellel qal li l-bankijiet ta` fejn hemm il-monument tal-Papa ghandhom bzonn jinzebghu.

63.8.3 Is-Sur Anton Gellel qal li l-pugaman ta` taht il-bridge fi Triq Pawlu Boffa u l-hadid ta` tarag ta` Triq l-10 t`Awwissu 258 ghandhom bzonn jinzebghu.

**63.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4425 sa` BOV 4453 u cekkijiet bin-numri, HSBC 9738 sa` HSBC 9748. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 10 ta` Ottubru 2018 sat-22 ta` Ottubru 2018.

**63.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha ta` filghaxija (7.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 12 ta`Novembru 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum Tnejn 12 ta` Novembru 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |